



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

12934/22

**LIMITE**

JAI 1252  
COPEN 337  
FREMP 192  
JUSTCIV 119

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	It-taħriġ ġudizzjarju u l-impatt tiegħu fuq l-aċċess għall-ġustizzja fil-kuntest tal-istat tad-dritt

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness in-nota msemmija hawn fuq mill-Presidenza.

## **Dibattitu dwar l-Istat tad-Dritt**

### **It-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Impatt tiegħu fuq l-Aċċess għall-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt**

Taħriġ ta' kwalità għolja li jkopri diversi oqsma, bħal-liġi nnifisha (nazzjonali, tal-UE u internazzjonali), l-istandards Ewropej dwar l-istat tad-dritt, l-għarfien mhux legali, l-għodod diġitali użati mill-ġudikatura, is- “sengħa tal-imħallef” u l-ħiliet maniġerjali, jagħti kontribut importanti għall-kwalità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u s-servizz tal-ġustizzja mogħti liċ-ċittadini<sup>1</sup>.

Għaldaqstant, taħriġ ġudizzjarju speċjalizzat huwa essenzjali, b'mod partikolari biex tizzied l-aċċessibbiltà tal-qrati għall-persuni bi bżonnijiet speċifiċi, jiġu żgurati proċedimenti adattati għat-tfal, jingħata l-appoġġ xieraq lill-vittmi tal-kriminalità u lil gruppi vulnerabbli oħra, u jkun faċilitat skambju aħjar ta' informazzjoni bejn il-qrati, kif ukoll mal-media u mal-pubbliku.

Daqstant ieħor importanti, imħallfin imħarrġa sew għandhom rwol sinifikanti biex jiġi rispettat l-istat tad-dritt u tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva. It-taħriġ kontinwu tagħhom jappoġġa l-isforzi biex jittejbu l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Il-figuri 39 u 32, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2022 (9304/22 + ADD 1) u l-figura 35, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2021 (10934/21).

L-importanza tat-taħriġ ġudizzjarju fil-kuntest tal-karatteristiċi fundamentali tas-sistemi ġudizzjarji hija rikonoxxuta kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. L-Istati Membri jipprovdu taħriġ ġudizzjarju speċjalizzat għall-membri tal-ġudikaturi rispettivi tagħhom, kemm jekk permezz tal-ministeri kompetenti, korpi awtonomi jew istituzzjonijiet akkademiċi speċifiċi. It-taħriġ inizjali huwa pass sinifikanti biex wieħed isir professjonist indipendenti u imparzjali; it-taħriġ għandu rwol essenzjali fl-għażla u l-karriera tal-imħallfin għax jikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-istat tad-dritt.

Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea ilha mill-2011 tipprovdi qafas strateġiku ġenerali għal taħriġ ġudizzjarju ffukat fuq il-liġi tal-UE, l-aktar wieħed reċenti<sup>2</sup> b'enfasi fuq it-taħriġ inizjali, li r-rabta tiegħu mal-istat tad-dritt ġiet diskussa f'konferenza koorganizzata mal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill fir-rebbiegħa tal-2022<sup>3</sup>. F'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni prattika, in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) jippromwovi t-taħriġ u l-iskambju tal-għarfien tal-ġudikatura Ewropea, filwaqt li l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA) u l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA-Lussemburgu) jgħinu speċifikament biex jikkonsolidaw l-għarfien dwar il-liġi tal-UE, inkluż fi ħdan il-ġudikatura. L-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju tippromwovi t-taħriġ tal-professjonijiet kollha involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li, id f'id mal-ġudikatura, jikkontribwixxu għall-bini tal-kultura tal-istat tad-dritt fis-sistemi ġudizzjarji u jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja. L-istrateġija tappella għall-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati bħall-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE), il-Fondazzjoni Ewropea tal-Avukati, in-Nutara tal-Ewropa (CNUE) u l-Unjoni Ewropea tal-Uffiċjali Ġudizzjarji (UEHJ). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tissorvelja l-parteciċipazzjoni tal-prattikanti legali fit-taħriġ dwar il-liġi tal-UE permezz ta' rapporti annwali<sup>4</sup>.

---

<sup>2</sup> Attwalment, "Niżguraw il-ġustizzja fl-UE - strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024", (13704/20)

<sup>3</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/conference\\_report\\_initial\\_training\\_of\\_justice\\_professionals\\_serving\\_the\\_rule\\_of\\_law-en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/conference_report_initial_training_of_justice_professionals_serving_the_rule_of_law-en.pdf)

<sup>4</sup> Rapporti annwali dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, Kummissjoni Ewropea, [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/european-judicial-training-2021-2nd\\_edition.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/european-judicial-training-2021-2nd_edition.pdf)

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE ilha għal bosta snin tippreżenta indikaturi dwar ċerti aspetti tat-taħriġ ġudizzjarju<sup>5</sup>. Fir-Rapporti Annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kummissjoni tħares ukoll lejn l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju fl-Istati Membri, li huma riflessi fil-kapitoli tal-pajjiżi rispettivi<sup>6</sup>. Barra minn hekk, permezz tal-Programm dwar il-Ġustizzja, ġew provduti EUR 17.7 miljun b'appoġġ għat-taħriġ tal-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja dwar il-liġi ċivili, kriminali u tad-drittijiet fundamentali tal-UE, is-sistemi legali tal-Istati Membri u l-istat tad-dritt<sup>7</sup>. F'xi Stati Membri, ġew allokati wkoll riżorsi addizzjonali għat-titjib tat-taħriġ ġudizzjarju fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom.

Il-ministri għall-ġustizzja kkonfermaw ripetutament li t-taħriġ ġudizzjarju inizjali u kontinwu jikkontribwixxi għall-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji rispettivi. Huma qablu wkoll, l-aktar reċenti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Tisħiħ tat-Taħriġ tal-Professjonisti tal-Ġustizzja" fl-2021<sup>8</sup>, li t-taħriġ ġudizzjarju jsaħħaħ il-fiduċja reċiproka, li hija indispensabbli għal kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.

Peress li dawn l-elementi kollha jiffurmaw parti indispensabbli mill-kultura Ewropea tal-istat tad-dritt, b'kont meħud tad-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt u wara d-diskussjoni orizzontali fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali tal-20 ta' Settembru, il-ministri huma mħeġġa jiddibattu dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

---

<sup>5</sup> It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022 (9304/22 + ADD 1)

<sup>6</sup> [Rapport dwar l-Istat tad-Dritt 2022 - Komunikazzjoni u kapitoli tal-pajjiżi | Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#) (ara 11408/22 + ADD 1-28).

<sup>7</sup> It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2022 (9304/22 + ADD 1)

<sup>8</sup> 6926/21 + COR 1

- 1. Fil-kuntest tal-objettivi ambizzjużi stabbiliti fl-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024, b'liema mod jistgħu l-Istati Membri jiżguraw livell għoli ta' parteċipazzjoni mill-imħallfin fit-taħriġ kontinwu? Hemm xi miżuri fil-livell nazzjonali biex tiġi mmonitorjata l-parteċipazzjoni fit-taħriġ ġudizzjarju u biex jiġu vvalutati l-impatt u l-effettività tiegħu?*
- 2. It-taħriġ ġudizzjarju kontinwu, kemm jekk volontarju kif ukoll jekk obligatorju, kif inhu marbut mal-iżvilupp tal-karriera tal-imħallfin, jew b'mod ġenerali jew fir-rigward tal-aċċess ta' tagħhom għall-funzjonijiet ta' ġestjoni tal-qrati? Huma perċepiti xi tensjonijiet bejn l-obbligu ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ u l-indipendenza tal-imħallfin?*